MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' April, 2010

Numru. 881/2008

Il-Pulizija
(Sp Carlos Cordina)
vs
Juanito Sciberras, iben Paul, imwieled Pieta' fit-8 ta' Novembru, 1981, Karta ta' l-Identita numru 630181(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fis-26 ta' Lulju, 2008 bejn in-nofs in-nhar u is-1.00 p.m. f'post pubbliku u cioe' fi Triq il-Karwija, limiti ta' Ħal-Safi:
1. ikkometta attentat vjolenti fuq il-pudur ta' Stephenie Galea;
2. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi offenda l-pudur jew morali b'egħmil li għamel f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna ta' Stephenie Galea skont l-artikolu 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-9 ta' Jannar, 2010 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

a. fl-artikoli 207 u 209 tal-Kodiċi Kriminali;

b. fl-artikoli 17, 31, 383 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar, 2009 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-ġurnata tal-inċident l-imputat li kien qed isuq truck fil-mina taħt ir-'runway' ta' l-ajruport sejjer fid-direzzjoni tal-Ħal-Kirkop innota li l-karozza ta' quddiemu li kien miexja fil-karreġġjata esterna kellha r-rota ta' wara tan-naħa tal-passiġġier qed tperper. Hu qed jagħmel sinjali bid-dawl tal-truck u bil-horn biex jiġbed l-attenzjoni tas-sewwieq. Ftit wara li ħarġu minn din iil-mina l-ewwel karozza waqfet. Din il-karozza kienet tat-tip Maruti u minnha ħarġet Stephanie Galea. Hi staqsiet lill-imputat x'ġara u l-imputat qallha li kellha r-rota ta' wara tan-naħa tal-passiġġier qed tperper u dan kien ta' perikolu.

Illi l-imputat xehed li tlett 'bolts' li kienu qed izommu r-rota kienu maħlula. Tant hu hekk li hu ssikkhom b'idejh. Imbagħad qal lil Stephanie Galea biex tissikka l-'bolts' bil-'box spanner' li kien hemm fil-karozza tagħha. Biex jara li kien kollox sew hu daħal taħt il-karozza biex jara li r-rota

min-naħa ta' ġewwa kienet sew għaliex hu ħaseb li l-'istabiliser' tar-rota seta' zviluppa ħsara.

Illi hu f'dan il-ħin li Stephanie Galea xehdet li l-imputat, waqt li kien ħiereġ minn taħt il-karozza tagħha, daħħal idu taħt id-duwlet tagħha u miss il-parti ntima tagħha. Hi xehdet ukoll li waqt li kien taħt il-karozza hu talabha biex imorru jieħdu 'drink'. L-imputat min-naħa tiegħu dejjem ċaħad li għamel dan l-att. Hu qal li idejh kienu maħmuġa u offra lill-uffiċjal prosekutur waqt l-interrogatorju biex joħodlu l-impronti diġitali. L-imputat ammetta li talab lil Stepanie Galea n-numru taċ-ċellulari tagħha u hu taha n-numru tiegħu. Fil-fatt, Stephanie Galea tatu n-numru tagħha ħażin.

Illi hawnhekk hawn żewġ versjonijiet kompletament differenti. Ma jistax jjingħad li Stephanie Galea għamlet rapport falz lill-pulizija iżda wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni li forsi setgħet kellha mpressjoni ta' dak li ġara. Fil-fatt din il-Qorti hi tal-fehma li l-versjoni ta' l-imputat hi kredibbli mingħajr ma tnaqqas mill-fatt li l-parte ċivile setgħet kellha sensazzjoni ta' dak li hi rraportat. Mhemmx dubju li dik kienet sitwazzjoni anormali u kienet qed tiġi in kuntatt ma persuna li qatt ma rat qabel u li kien qed jagħti l-għajnuna tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------